

Brussell, 13 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15991/22

STAT 40
FIN 1353
INST 459

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13729/22	
Suġġett:	Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-Istituzzjonijiet tal-UE u COVID-19 – Ingħata rispons rapidu, iżda għad fadal sfidi biex isir l-aħjar użu mill-innovazzjoni u l-flessibbiltà mmexxija mill-kriżi - Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Diċembru 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-istituzzjonijiet tal-UE u COVID-19 – Ingħata rispons rapidu, iżda għad fadal sfidi biex isir l-aħjar użu mill-innovazzjoni u l-flessibbiltà mmexxija mill-kriżi, kif approvati mill-Kunsill fit-3922 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Diċembru 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-istituzzjonijiet tal-UE u COVID-19 – Ingħata rispons rapidu, iżda għad fadal sfidi biex isir l-aħjar użu mill-innovazzjoni u l-flessibbiltà mmexxija mill-kriżi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 18/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar is-suġġett ta' "Istituzzjonijiet tal-UE u COVID-19" u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu bħala kontribut siewi għall-evalwazzjoni tar-reżiljenza tal-istituzzjonijiet tal-UE matul il-pandemija tal-COVID-19 u JENFASIZZA l-importanza li jittieħdu aktar passi biex tissaħħaħ ir-rieda tagħhom li jakkomodaw kwalunkwe riskju futur iġġenerat minn kwalunkwe kriżi ta' tfixkil imprevedibbli;
2. JINNOTA S-SODISFAZZJON ĠENERALI TIEGħU bit-tweġibiet rapidi u effettivi pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti tal-istituzzjonijiet tal-UE li ġew awditjati, li għamlu possibbli l-kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet tagħhom u l-issodisfar tal-attivitajiet ewlenin tagħhom fl-istess livell minkejja l-isfidi kbar ikkawżati mill-pandemija;
3. JIRRIKONOXXI l-isforzi sinċieri tas-servizzi biex iħarsu s-saħħa fl-ambjent tan-negozju tagħhom u biex jippromwovu l-benessri matul il-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari permezz ta' arranġamenti ġodda tax-xogħol, inkluż possibbiltajiet estiżi ta' telexogħol, fit-twettiq tad-dmir ta' diliġenza tagħhom;
4. JISTIEDEN lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jinkludu tfixkil fit-tul u kooperazzjoni interistituzzjonali fil-pjanijiet għall-kontinwità tal-operat tagħhom bil-ħsieb li jadottaw standards u flussi tax-xogħol xierqa u biex jiżguraw l-eqreb koordinazzjoni possibbli fir-rispons tagħhom mingħajr preġudizzju għall-awtonomija istituzzjonali tagħhom;
5. JIRRAKKOMANDALHOM ikomplu l-evalwazzjoni tal-adegwatezza u l-idoneità tal-arranġamenti tat-telexogħol (kemm regolari kif ukoll okkażjonali) fl-ambjent ta' wara l-COVID, sabiex jipprovdu qafas flessibbli għad-disponibbiltà tal-persunal f'ċirkostanzi normali u eċċezzjonali rispettivament;

6. JAPPELLA lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiżviluppaw l-esperjenzi tagħhom matul il-kriżi tal-COVID-19 u jqiegħdu d-diġitalizzazzjoni fil-mira billi jintroduċu flussi tax-xogħol mingħajr karti, jestendu l-użu tal-firem elettroniċi kif ukoll tal-fatturazzjoni elektronika;
7. JITLOB lill-istituzzjonijiet tal-UE jimmonitorjaw mill-qrib u jirrapportaw b'mod konsistenti dwar l-impatt baġitarju ta' modi ġodda ta' ħidma, b'mod partikolari għall-bini u t-tagħmir tal-IT (notebooks, skrins, għodod għall-vidjokonferenzi, eċċ.), filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-limiti massimi tal-QFP 2021-2027 u filwaqt li tintuża kull opportunità biex jinkiseb aktar iffrankar, li jirriżulta minn investimenti fl-IT fl-operazzjonijiet tagħhom u minn sinerġiji diġitali bejn l-istituzzjonijiet, bħal minn effiċjenzi miksuba u parteċipazzjoni mill-bogħod permezz tal-vidjokonferenzi;
8. JENFASIZZA l-ħtieġa għal kunsiderazzjoni u prijoritizzazzjoni bir-reqqa tal-impatt ambjentali tal-modi ġodda ta' ħidma fl-istituzzjonijiet tal-UE bħala parti mill-istrateġiji fit-tul tagħhom għall-bini u l-ekoloġizzazzjoni.